# VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPIT
# IL-WEGHDA SARET U L-GRAZZJA ĠIET MAQLUGHA

*minn Joe Zammit*

Meta wieħed jidħol f'xi Santwarju, bħal ngħidu aħna ta' Lourdes fi Franza, ta' Fatima fil-Portugal, ta' Piedi Grotta f'Napli jew tal-Madonna tad-Dmugħ f'Siracusa, dejjem għandek issib xi ħwejjeġ li n-nies ħallew hemm bħala ringrazzjament tal-Grazzji li kienu qalgħu. F'Malta wkoll bħal dawn il-pajjiżi għandna is-Santwarji tagħna li m'humiex inqas minnhom f'dawk l-Ex-Voti jiġifieri f'dawk il-ħwejjeġ li l-insara rikonoxxenti ħallew f'dawn is-Santwarji.

Fost is-Santwarji ta' Malta insibu dawn ta' Ħaż-Żabbar, tal-Mellieħa, Tal-Ħlas, Tal-Minsija eċċ. F'Birkirkara għandna wieħed minn dawn is-Santwarji l-aktar għeżież, dak tal-Madonna tal-Ħerba. Dan is-Santwarju li ma nafux meta kien il-bidu tiegħu huwa għażiż ħafna għalina l-Karkariżi għax dejjem irċevejna grazzji kbar m'għand il-Madonna, xhieda ta' dawn huma il-mijiet ta' Ex Voti li naraw mal-ħitan tas-Santwarju, bħal kwadri, oġġetti tal-fidda, ċimi tax-xwieni, krozzi u ktajjen ta' l-irsiera.

Bdejt dan l-artiklu bil-kelmiet VOTUM FECIT GRATIAM ACCEPTI għax l-ewwel ittra ta' kul kelma narawha fuq kull kwadru li insibu fis-Santwarji kollha. Fis-Santwarji l-oħra insibu wkoll minn dawn l-oġġetti, iżda fis-Santwarju tal-Ħerba insibu daqskemm hemm fis-Santwarji ta' Malta kollha f'salt.

Dawn il-kwadri huma xhieda tal-fiduċja u t-tama li missirijietna Karkariżi, kif ukoll Maltin oħrajn u anke barranin urew fil-Madonna taħt dan it-titlu, mhux ta' b'xejn li dari kienu jsellmu lil Madonna b'din it-talba li kienet inktibet dwar is-sena 1920:

*O Verġni mbierka Marija, Omm Alla u ommna, int is-sultana tas-sema u ta' l-art, teżoriera tal-grazzji. F'dan is-Santwarju irrikorrejna fil-bżonn tat-tama u għażlu lilek bħala għajn ta' tama u ħniena, biex tixħet fuqhom il-grazzji tiegħek u dan jixhduh il-ħitan ta' dan is-Santwarju.*

Ftit tas-snin ilu inħasset il-ħtieġa u l-bżonn ta' restawrazzjoni ġenerali tas-Santwarju, il-kanonku Dun Pawl Gauci daħal għal din il-biċċa xogħol b'impenn kbir.

Fost l-oġġetti li kellhom bżonn ta' restawr kbir bla dubju kienu l-kwadru tal-wegħdi u l-oġġetti l-oħra. Dawn il-kwadri meta tagħmel studju fuqhom issib li huma xmara ta' storja, ġrajjiet u drawwiet barra l-fini li għalih ikunu saru.

Fost dawn il-kwadri insibu kollezzjoni tajba ħafna ta' kwadri marittimi, jew fuqil-baħar, kwalità ta' kull mard, ħlas, ringrazzjamenti u ġrajjiet oħra.

Barra l-kwadri li fihom ma nsibu ebda data, insibu wieħed ta' kavallier għarkubbtejh jitlob jew jirringrazzja lill-Madonna bejn l-ittri V.F.G.A. hemm data li ma nafx kemm hi awtentika 1565; jekk din hija awtentika żgur li dan il-kwadru kien sar b'ringrazzjament tar-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir. Kwadru ieħor ta' xi mard fuq wara tiegħu insibu data miktuba bil-lapes 1614.

Fost il-kwadri marittimi barra dawk li huma bla data u storja miktuba l-ewwel data li insibu reġistrata hija 1740. Dawn il-kwadri nistgħu naqsmuhom f'żewġ sezzjonijiet, dak ta' qabel ir-rivoluzzjoni Franċiża u dawk ta' wara.

Kif ġa semmejt l-aktar kwadru marittimu antik 1740 huwa ta' l-għarqa ta' xprunara li kienet inqalbet f'tempesta il-barra mill-Belt Valletta fid-19 ta' Novembru 1740. Din l-ixprunara kienet ittajjar il-bandiera ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Min offra dan il-kwadru

*ikompli f'paġna 174*

jgħid li l-grazzja kien ġa qalagħha m'għand il-Madonna li ix-xbieha tagħha tidher fis-sħab.

Wieħed mill-aktar kwadri tajbin kien mogħti fl-1779,tal-galera San Pietru. Danil-galjun kien wieħed mill-bastimenti l-kbar li kellha l-Ordni ta' San Ġwann. Danil-galjun li qed narawh speċi mill-ajru tant huwa spjegat li jidhru id-dettalji kollha u l-baħrin jagħmlu x-xogħol tagħhom fil-ħin tat-tempesta. Dan il-galjun kienet qabditu tempesta ħarxa lejn Marsala fuq ix-xtut ta' Sqallija, li naraw din il-belt ftit il-bogħod, naraw il-qlugħ ta' dan il-galjun imqatta' f'biċċiet. Fuqu il-ktiba li nsibu fuq dan il-kwadru naqraw, li din il-wegħda kienet magħmula mis-suldati tal-galera San Pietru fit-2 t'Ottubru 1779, jidher li mhux in-nies kollha li kienu abbord għamlu l-wegħda. Fuq din il-galera kien hemm aktar minn 100 suldat u bejn wieħed u ieħor bejn 20 u 30 Kavalier. F'dan il-kwadru naraw tlett xbiehat tal-Madonna, il-Madonna ta' Trapani, fin-nofs il-Madonna tal-Ħerba u l-Madonna tar-Rużarju, it-tlett xbiehat huma inkurunati. Ħaġa ta' min jinnota hija li mijiet ta' snin qabel ma l-Madonna ġiet inkurunata dawn il-kwadri jidhru bil-Madonna tal-Ħerba inkurunata. Dan il-kwadru l-ordni ta' San Ġwann kien għamlu kartolina tal-Milied.

Fost dawn il-kwadri insibu ħafna ta' kwalità ta' pittura tajba il-biċċa l-kbira tagħhom huma pittura fuq l-injam ta' diversi pitturi fost l-oħrajn insibu ta' Vincenzo u Michele Gonzi tista' tgħid li kollha tagħrafhom mix-xbieha tal-Madonna. Min xi darba jitħajjar jagħmel studju bis-serjetà fuq dawn il-kwadri għandu fejn isib maħżen sħiħ ta' nformazzjoni; bdew xi studenti ta' l-Unviersità jersqu lejn danl-istudju iżda għadna l-bogħod ħafna. Fost l-istejjer ħelwin u tal-biża' fl-istess ħin insibu ta' tnejn min-nies li kienu fuq bastiment ta' l-ordni ta' San Ġwann, dan il-bastiment jidher li tkisser f'biċċiet, dawn kienu salvaw bit-talb lejn il-Madonna tal-Ħerba billi żammew bi snienhom mal-bandiera ta' l-arblu li tqaċċat.



Nirrakkontaw ġrajja oħra tal-biża', naraw fi kwadru mdaqqas, bastiment tal-qlugħ li nstab f'maltempata u inkalja f'ħalq ta' xmara fl-Afrika fid-29 ta' Marzu 1840, xena tal-biża', wara li dawk tal-vapur minn jaf kemm batew f'dik l-għarqa sabu ruħhom qalb nies kannibali li dawn bla ħniena qabżu fuqhom, milli jidher kienu ilhom ma jagħmlu ikla tajba għax għamlu pranzu kbir minn fuqhom, komplew neżżuhom mill-ftit ħwejjeġ li kien baqa' fuqhom u rabtu 'l xi wħud minnhom mas-siġar tal-palm rashom 'il fuq u bdew iqattgħu minnhom u jieklu, wara li tiekol trid tixrob, rabtu tlieta minnhom rashom l-isfel u wara li qatulhom rashom xorbulhom demmhom. Mikiel Cachia qalb dawk it-turmenti ta' sħabu ftakar fil-Madonna tal-Ħerba u talabha bil-

*ikompli f'paġna 175*

ħerqa biex issalvah kif fil-fatt ġara għax wara ġie fis-Santwraju u ippreżenta kwadru ta' din is-xena lill-Madonna, jidher li l-wegħda saret ukoll ma' Ġesù Redentur.

Fost il-kwadri mportanti tal-mard se nsemmu wieħed mportanti ta' żmien il-pesta ta' l-1813. F'dan il-kwadru naraw l-Ospizju tal-Furjana li dan kien jiġi fuq is-Sur in-naħa ta' Marsamxett, f'dan l-ospizju kienu jinġiebu l-morda bil-pesta. Naraw quddiem il-bieb il-katalett li fuqu kienu jġorru l-morda, naraw ukoll fuq il-bejt ta' dan l-ospizju gwardjan jispara fuq il-qtates għax hekk kienet l-ordni għax dawn l-annimali setgħu iġorru il-mard. In-naħa ta' fuq tal-kwadru naraw ix-xbiehat tal-Madonna tal-Herba, ta' Ġesù Nazzarenu, Santu Rokku u Sant'Antnin. Din il-wegħda kienet saret fil-5 ta' Mejju 1813, minn Andrè Calleja li kien il-purtinar ta' dan l-ospizju, dan kien talab lill-Madonna tal-Herba u l-qaddisin l-oħra biex hu minħabba x-xogħol perikuluż li kellu teħilsu minn dik il-marda qerrieda kif hekk ġara bil-grazzja tal-Madonna. Il-kap ta' l-ospizju kien Andrea Mannarinu. Aktarx li dan il-kwadru pittur Vincenzo Gonzi.

Issa nsemmu ġrajja ta' għaxar snin ilu. Kulħadd jiftakar fil-lejla ta' l-Erbgħa 29 ta Mejju 1985, meta fil-Belġju intlagħbet il-logħba futbol għat-tazza ta' l-Ewropa bejn il-Juventus u l-Liverpool, niftakru kemm kien inqala' ġlied qabel din il-logħba u kien hemm ukoll mejtin. Fost dawk in-nies bla dubju kien hemm ukoll Maltin Karkariżi wkoll li xi uħud minnhom kienu korrew. Fost il-Maltin kien hemm grupp ta' 34 li f'dak il-muemnt ftakru fil-Madonna tal-Herba li wara li ġew lura lejn Malta iltaqgħu fis-Santwarju tal-Herba u wara li semgħu il-quddiesa rringrazjaw lill-Madonna u bħala tifkira ħallew kwadru b'din il-grazzja.

Kieku kellna nibqgħu nirrakkontaw dan il-ktieb u bosta bħalu mhumiex biżżejjed.

F'dan is-Santwarju li għażlitu Marija missirijietna sabu l-faraġ u l-hena tagħhom u għożżewh, ejjew aħna wkoll nożżuh u dejjem inżommu tixgħel fina dik id-devozzjoni u l-imħabba li kellhom, ngħadduhom ukoll lill-uliedna f'dan iż-żmien ta' bruda spiritwali u aljenazzjoni kbira.

